PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9691 — Mahindra & Mahindra/Ford Motor Company/Ardour)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 23/11)

1. Fl-14 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1])

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mahindra and Mahindra Limited (l-Indja),

— Ford Motor Company (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Ardour Automotive Private Limited (l-Indja).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Mahindra and Mahindra Limited: M&M hija l-kumpanija prinċipali tal-Mahindra Group li huwa attiv f'diversi setturi inklużi, fost oħrajn, dak tal-karozzi u s-suq ta' wara l-bejgħ tal-karozzi.

— Ford Motor Company: FMC hija l-kumpanija prinċipali tal-Ford Group li tiddisinja, timmanifattura, tbigħ u tagħti servizz lil-linja sħiħa tal-karozzi, trakkijiet, SUVs u vetturi elettriċi ta' Ford u tal-vetturi ta' lussu Lincoln, tipprovdi servizzi finanzjarji permezz tal-Ford Motor Credit Company u hija wkoll attiva fl-elettrifikazzjoni, fil-vetturi awtomatiċi u fis-soluzzjonijiet tal-mobilità.

— Ardour Automotive Private Limited: Il-JV se tiddisinja, tmexxi l-inġinerija, tittestja, timmanifattura, tikkummerċjalizza, tbigħ, tiddistribwixxi u tesporta vetturi tal-passiġġieri kif ukoll bdil tal-partijiet u partijiet u komponenti marbuta mal-manutenzjoni tal-karozzi, u assemblaġġi għal vetturi bħal dawn.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9691 — Mahindra & Mahindra/Ford Motor Company/Ardour

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ara r-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:+32 22964301

Indirizz postali:
European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË